Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

UGO MIFSUD BONNICI
President

3 ta' Marzu, 1998

ATT Nru. IX ta' l-1998

ATT biex jemenda l-Att dwar il-Pools tal-Gvern Malti fuq il-Logħob, Kap. 131.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1998 li jemenda l-Att dwar il-*Pools* tal-Gvern Malti fuq il-Logħob, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-*Pools* tal-Gvern Malti fuq il-Logħob, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor. Kap. 131.

2. L-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: — Emenda ta' l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "ħames liri" u "għoxrin lira" għandhom jidħlu l-kliem "ħamsin lira" u "mitejn lira" rispettivament; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "għoxrin lira", "ħamsin lira" u "minn xahar sa tliet xhur" għandhom jidħlu l-kliem "elf lira", "ħamest elef lira" u "minn sitt xhur sa tnax-il xahar" rispettivament.

3. Fl-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "ħames liri" u "għoxrin lira" għandhom jidħlu l-kliem "ħamsin lira" u "mitejn lira" rispettivament. Emenda ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali.

Emenda ta' l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali.

4. L-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "ħamsin lira", "mitejn lira" u "minn xahar sa tliet xhur" għandhom jidħlu l-kliem "elf lira", "ħamest elef lira" u "minn sitt xhur sa tnax-il xahar" rispettivament;

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "ħames liri" u "għoxrin lira" għandhom jidħlu l-kliem "ħamsin lira" u "mitejn lira" rispettivament; u

(ċ) wara s-subartikolu (3) tiegħu, għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Kull min jinstab li jkollu pussess mhux awtorizzat ta' biljetti jew kupuni maħruġin f'dak li għandu x'jaqsam ma' *pools* fuq il-logħob stabbiliti barra minn Malta jista', mingħajr preġudizzju għall-applikabilità ta' kull liġi oħra, meta jinsab ħati jeħel *multa* ta' mhux anqas minn ħamsin lira.".

Żieda ta' l-artikolu 16A ġdid ma' l-Att prinċipali.

5. Minnufih wara l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu 16A ġdid li ġej:

"Prova preżuntiva.

16A. Kull min jinsab li jkollu pussess mhux awtorizzat ta' oġġetti li normalment jintużaw sabiex isir *pool* fuq il-logħob li jkun projbit bħal reġistri, biljetti, kupuni, poloz, matriċijiet, *counterfoils*, tikketti tal-ħlas, kartelli, jew għodod tal-logħob, għandu jkun preżunt li jkun qiegħed jorganizza *pool* fuq il-logħob li jkun projbit kemm-il darba ma tingħiebx prova xort'oħra.".

Emenda ta' l-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali.

6. Fis-subartikolu (6) ta' l-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "għoxrin lira", "ħamsin lira" u "minn xahar sa tliet xhur" għandhom jidħlu l-kliem "elf lira", "ħamest elef lira" u "minn sitt xhur sa tnax-il xahar" rispettivament.

Emenda ta' l-artikolu 22 ta' l-Att prinċipali.

7. L-artikolu 22 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "ħames liri" u "għoxrin lira" għandhom jidħlu l-kliem "ħamsin lira" u "mitejn lira" rispettivament; u

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "żewġ liri" u "għaxar liri" għandhom jidħlu l-kliem "ħamsin lira" u "mitejn lira" rispettivament.

8. L-artikolu 23 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 23 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "ħamsin lira", "mitejn lira" u "minn xahar sa tliet xhur" għandhom jidħlu l-kliem "elf lira", "ħamest elef lira" u "minn sitt xhur sa tnax-il xahar" rispettivament; u

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "ħames liri" u "għoxrin lira" għandhom jidħlu l-kliem "ħamsin lira" u "mitejn lira" rispettivament.

9. Fl-artikolu 28 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "sitt liri" u "għoxrin lira" għandhom jidħlu l-kliem "ħamsin lira" u "mitejn lira" rispettivament. Emenda ta' l-artikolu 28 ta' l-Att prinċipali

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 191 ta' l-24 ta' Frar, 1998.

MYRIAM SPITERI DEBONO
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati